# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 1 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 473/01**

**Numru 30**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Felix Cucciardi u martu Elizabeth Cucciardi**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u sitta u hamsin lira (Lm656) rappresentanti import ta' tmien (8) kambjali ta' Lm82 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Ottubru 2000 sa Mejju 2001 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numru minn 1 sa 8 konsekuttivament u inklusivament. Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April 2001 jammontaw ghal Lm16, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat iz-zewg noti tas-socjeta attrici li biha l-ammont mitlub gie ridott ghal Lm83 bl-imghax mill-25 ta' Settembru 2001 u dan stante pagamenti fil-mori tal-kawza.

Wara li rat l-annessi dokumenti minn fol 2 sa fol 9 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont kif ridott u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fid-19 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici kif ridotta u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm83.00,0 bl-imghax legali mill-25 ta' Settembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Marzu 2001.

Alan Calleja
Dep.Reg